

32006L0034

L 83/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.3.2006

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/34/KE**tal-21 ta' Marzu 2006****li temenda l-Anness mad-Direttiva 2001/15/KE fir-rigward ta' l-inklużjoni ta' ċerti sustanzi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Mejju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/15/KE tal-15 ta' Frar 2001 dwar sustanzi li jistgħu jiġu miżjuda għal skopijiet nutrittivi speċifiċi fl-ikel għal tipi ta' użu nutrittivi partikolari⁽²⁾ tispeċifika ċerti kategoriji ta' sustanzi u ssemmi għal kull wieħed minnhom is-sustanzi kimiċi li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel għal użu nutrittiv partikolari.
- (2) Dawk is-sustanzi kimiċi li kienu ġew vvalutati mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza Alimentari (minn hawn "l-Awtorità") u li rċievew valutazzjoni xjentifika favorevoli għandhom jiġu inklużi fl-Anness tad-Direttiva 2001/15/KE.
- (3) Dan l-aħħar kien hemm valutazzjoni xjentifika favorevoli għal ċerti vitamini u sustanzi minerali u dawn kienu disponibbli pubblikament mill-Awtorità.
- (4) Huwa xieraq li jinbidel it-titolu tal-kategorija "aċidu foliku" sabiex tittieħed in konsiderazzjoni l-inklużjoni ta' forom oħrajn tal-*folate* fl-Anness tad-Direttiva 2001/15/KE.
- (5) Id-Direttiva 2001/15/KE għandha, għalhekk, tiġi emendata b'mod xieraq.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 2001/15/KE hija emendata kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006. Għandhom mingħajr dewmien jipprovdur lill-Kummissjoni bit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 186, 30.6.1989, p. 27. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 52, 22.2.2001, p. 19. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2004/5/KE (ĠU L 14, 21.1.2004, p. 19).

ANNEX

L-Anness tad-Direttiva 2001/15/KE hi emendata kif ġej:

1. Fis-Sezzjoni li tikkonċerna l-Kategorija 1. Vitamini:

- (a) It-titolu "AĊTU FOLIKU" huwa mibdul b'"FOLATE".
- (b) Il-linja li ġejja hija miżjuda taħt l-intestatura "FOLATE":

Sustanza	Kondizzjonijiet għall-użu	
	FPNU kollha	FSMP
"— L-methylfolate tal-kalċju	x"	

2. Fis-Sezzjoni li tikkonċerna l-Kategorija 2. Minerali, il-linja li ġejja hija miżjuda taħt l-intestatura "MANJEŻJU":

Sustanza	Kondizzjonijiet għall-użu	
	FPNU kollha	FSMP
"— L-aspartate tal-manjeżju		x"

3. Fis-Sezzjoni li tikkonċerna l-Kategorija 2. Minerali, il-linja li ġejja hija miżjuda taħt l-intestatura "ĦADID":

Sustanza	Kondizzjonijiet għall-użu	
	FPNU kollha	FSMP
"— bisglycinate tal-ħadid	x"	